# IS-SAJD

Is-sajd huwa l-aktar mogħdija ta' żmien imħittxa, mhux biss mill-Maltin imma minn nies tad-dinja kollha. Ara kemm hu hekk, fil-pajjiżi fejn ma hemmx baħar in-nies tmur tistad fix-xmajjar għall-ħut ta' l-ilma ħelu. Imma f'Malta ma għandniex bżonn noqogħdu nitqannew naqbdu xi ħuta minn dik l-istrixxa ilma mdardar imsejjħa xmara. Għax jekk Alla ma taha xejn kbir lil dil-gżira tagħna ċkejkna, Hu għoġbu jagħniha b'ibħra koħol nir, li bil-qawwa tagħhom idawwruha w jkennuha minn kull naħa mill-qilla għajjura ta' pajjiżi oħra. U billi dawn l-ibħra huma mimlijin b'ħafna ħut ta' kull għamla w daqs, xejn ma hemm għax wieħed jistagħġeb jekk ħafna min-nies ta' Malta, min għall-bżonn u min għall-pjaċir, tawha għas-sajd.

Il-ħajja tas-sajjied hi ħajja iebsa ħafna u mimlija bit-tigrib, imma fiha l-ġmiel u l-vantaġġi tagħha wkoll. Is-sajjied li jgħaddi ħajtu fuq il-baħar dejjem issibu jbigħ is-saħħa, u tħossha tiġik l-għira x'ħin tara dawk l-iġsma maħruqa bix-xemx mimlija għeruq u muskoli li ma l-inqas taħrika jaqbżu u jfiġġu taħt il-ġilda donnhom il-mewġ tal-baħar li rabbihom. Għax l-arja safja tal-baħar u x-xogħol taw lis-sajjied dik is-saħħa li l-ebda sinjur, avvolja jaħli ġidu kollu, ma jsib jixtriha.

Barra minn dan, is-sajjied għandu ħaġa oħra li tagħżlu minn qalb il-fqar. Dan il-bniedem ikun imgħakkes kemm ikun, qatt ma tisimgħu jilmenta jew igorr; u mhi xejn ħaġa tal-għaġeb li wieħed jiltaqa' ma' xi sajjied b'xi tisfira ferrieħa fuq xofftejh, sejjer lejn daru b'idu f'idu wara lejl xogħol. Kieku xi ħadd kellu jwaqqaf lil das-sajjied u jsaqsih kif inhi sejra d-dinja, it-tweġiba li jieħu aktarx kienet tkun, li sal-lum ħadd għadu ma miet bil-ġuħ, u li Alla jaħseb f'kulħadd. Donnhom dawn in-nies li biex jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum, ikollom jissugraw ħajjithom u jħabbtu wiċċhom mal-qilla tal-ħalel belliegħa tal-baħar, kellhom il-ħila jsibu dik il-ħaġa, li, l-aktar bniedem gharef u l-aktar bniedem għani ma sabux: ix-xaba u t-tama fil-li jibgħat Alla.

Jien ikolli ngħid li Alla għandu mħabba barranija għas-sajjieda, billi dawn ifakkruh fil-ħbieb Tiegħu ta' meta kien fid-dinja. Aħna nafu li Kristu lil-appostli tiegħu la għażilhom minn qalb il-bdiewa u l-anqas minn qalb l-għonja, imma minn qalb dawk in-nies li, għad li twajba, ma kienx

hemm min hu ifqar u aktar injorant minnhom. U kien wieħed minn dawn in-nies fqar w injoranti li ngħażel biex fuqu tinbena l-Knisja nisranija u minn sajjed tal-ħut sar sajjied tan-nies.

Imma barra minn dak il-bniedem li jmur jistad biex jaqla' x'jiekol hemm xorta ta' sajjied ieħor. Dan hu dak li jmur jistad għall-mogħdija taż-żmien. Jien għad li ġejja minn razza ta' dix-xorta ta' nies, xejn ma ħriġt nixbahhom. Għax jekk il-ħajja tas-sajjied veru naraha sabiħa, il-ħajja tas-sajjied tal-pjaċir ma togħġobni xejn. Imma, ħej, lid-dilettant tas-sajd tilagħblux għax ma' sajda jibdel l-aqwa stedina, u meta jkun sejjer jgħaddi xi lejl jistad ikun ferħan daqs kemm kieku jkun sejjer għal xi ballu. U erħilu jlestilek mill-jum ta' qabel, isewwi l-konzijiet, jixtri l-lixka, jaħsel il-frejgatina, jillixka w jirranġa s-snanar u jhejjilek kollox biex ma' nofs il-lejl hu u xi żewġ ħbieb oħra, li jħobbu s-sajd, imorru jgawdu l-pjaċir wisq maħbub minnhom.

Imbagħad, tarahom ġejjin l-għada f'xi nofs in-nhar f'xemx tisreġ, taħraq daqs in-nar, min jarfa' l-qoffa tal-ħut, min bil-kopp u l-ganċijiet, fi ftit kliem, kulħadd italla' xi ftit imbarazz u kull wieħed minnhom b'daħka fuq wiċċu daqs tal-qamar meta jqun fil-milja tiegħu imma b'wiċċ aħmar daqs l-iskorfon li jkunu qabdu, u anqas jintebħu li l-ġilda ta' mneħirhom u ta' dirgħajhom ħallewha warajhom. Għax illum qabdu mhux ftit u moħħhom jhewden biss fuq kemm ser jiftaħru l-lejla ma' sħabhom id-dilettanti l-oħra, u fuq kif dik l-iskorfna ta' kwart għad trid issir ċerna ta' nofs qantar, u dik il-mazzola rajja mill-isbaħ.

Imma, ħej, Alla ħares il-qabda tkun ħażina għax, imbagħad, warrab rasek. Dak in-nhar tintebaħ li ma qabdu xejn minn mitt mil bogħod. Għax tarahom ġejjin b'geddum twil sa l-art, donnu l-qamar mgħaddab talli ma tawx każ tal-ġmiel li hu ken qed ixerred ma' dwarhom, ħalla l-għadab tiegħu fuq wiċċhom biex ipattihielhom. Imma hemm bniedem li jieħu tassew pjaċir meta s-sajda ta' dawn in-nies tkun ħażina; dan hu l-ispiżjar. Għax dak in-nhar jekk ikollu xi kaxxa *cold cream* imranġta żgur li jbiegħha. Għax billi dawn ikunu mgħaddbin mħabba filli ma jkunu qabdu xejn, erħilhom jinfexxu fix-xemx, u erħilhom igergru li ħadu xemxata għall-xejn u jdellku ż-żjut u l-*cold cream* biex itaffu ftit dak il-ħruq tax-xemx li jkunu qed iħossuh iwaġġagħhom erba' darbiet aktar mis-soltu.

Barra mill-gdledem li jagħmlu meta ma jaqbdux ħut dawn in-nies għandhom nuqqas ieħor li bih idejjqu lil kullħadd. Kull fejn ikunu jew minn hemm jew minn hawn jaraw kif jagħmlu u jdaħħlu s-sajd, u meta jaqbduha fuq dan is-suġġett ma jispiċċawha qatt. Issa jgħidulek x'konz ġdid xtraw, kemm-il sunnara fih. kemm hu ta' saħħa u kemm ħut qabdu bih, u ħafna ftietaq oħra bħall dawn. Imbagħad oħra, kull fejn jilmħu sajjied jaraw kif jagħmlu jindehsu miegħu u jisselfulu kliemu biex jużawh meta jkunu jitħaddtu ma' sħabhom u b'hekk juru kemm huma tal-qatgħa.

Imma hi tassew ħaġa tal għaġeb kif dawn in-nies li jgħaddu biċċa sewwa minn ħajjithom fuq il-baħar qatt ma tismagħhom jitkellmu fuq il-ġmiel tiegħu. Donnhom għajnejhom qegħdin biss għall-ħut u għall-xejn iktar. Min jaf kemm-il darba f'xi lejl sħun tas-sajf, meta l-qamar ikun jaħsel kullimkien bid-dawl imħidded tiegħu, u l baħar iħaxwex mal-moll ikun qisu qiegħed isefsef ħolm ħelu lill-blat, jien kont inqum u b'għajnejn għajjura kont insib xi frejgatina, li tkun titbandal ħelu ħelu f'nofs dak il-baħar tal-fidda, u nixtieqni qiegħda fiha ngawdi dak il-ġmiel. Imma l-ħolma tiegħi kienet tisfa' miksura minn leħen li, mitfi mill-bogħod, kien jasal f'widnejja jtenni dawn il-kelmiet: "aqdfu 'l dik in-naħa għax dawl ta' qamar bħal dan naqbdu ħut kemm irridu". U jien imgħaddba kont insabbat it-tieqa u nidħol il ġewwa.

Ngħid għallja l-ħajja tas-sajjied togħġobni ħafna. Imma togħġobni l-ħajja tas-sajjied veru u mhux ta' dak li jrid jagħmilha ta' sajjied biex igħaddi ż-żmien. Għax fil-waqt li dak il-bniedem li jrid jiekol mill-baħar, u li jmur jistad sew fil-maltemp kemm ukoll fil-bnazzi, hu dejjem xebgħan billi l-Bambin jibgħat, u mħabba f'hekk għandu s-sedqa wil-barka t'Alla, l-ieħor imur jistad meta jkollu qalb, u minn fuq jidhirlu li għandu jaqbad il-ħut f'kull sajda li jagħmel. U mħabba f'hekk fil-waqt li nħossni nithenna b'dik it-tjubija wil-ħlewwa tal-ħajja tas-sajjied veru u nieħu pjaċir nitkellem miegħu, mas-sajjied tal-pjaċir mhux talli ma nithenniex imma malli nilmħu nara kif nagħmel u naħarbu. Għax naf li malli naqbad inkellmu m'inix sa nisma' ħaġa oħra ħlief, jew ftaħir fuq kemm qabad ħut l-aħħar sajda li għamel, jew inkella garr għaliex ma jkun qabad xejn.

MARIJA AQUILINA
(Matrikola).